# AVVIŻI

- Il-Laqgħat ta' Talb il-Girgenti, fis-Sena 1998, se jsiru kif ġej:

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 4 ta' Jannar | fit-3.00p.m. |
| Il-Ħadd 18 ta' Jannar | fit-3.00p.m. |
| Il-Ħadd 1 ta' Frar | fit-3.30p.m. |
| Il-Ħadd 15 ta' Frar | fit-3.30p.m. |
| Il-Ħadd 1 ta' Marzu | fl-4.00p.m. |
| Il-Ħadd 15 ta' Marzu | fl-4.00p.m. |
| Il-Ħadd 5 ta' April | fil-5.30p.m. |
| Il-Ħadd 19 ta' April | fil-5.30p.m. |

Ikun hemm trasport mis-Siġġiewi għall-Girgenti
kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

- Nitolbu lil kull min qala' xi grazzja permezz tal-Madonna jew ta' Ġuża Mifsud jew tat-tnejn, jgħarrafna u jtina in-numru tat-telefon biex inkunu nistgħu nagħmlu kuntatt miegħu (anke jekk issa jkun għadda ħafna żmien minn mindu nqalgħet il-grazzja)

Dan li għedna għall-grazzji, jgħodd ukoll għal dawk li huma xhieda ta' affarijiet li qaltilhom Ġuża li ser jgħaddu minnhom. Agħmlu ftit kuraġġ u għidulna dak li tafu fuq Ġuża.

- Infakkarkom li ġew ippubblikati diversi kotba, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż li fihom tagħrif kemm fuq il-messaġġi li tatna Ġuża u kemm fuq ġrajjiet oħra tal-Girgenti.
Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu mill-post tal-laqgħat tat-talb.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 33 JANNAR 1998 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Mons. Buontempo – Ġuża Mifsud – l-Imħallef W. Gulia**

**Ġuża Mifsud u Mons. Buontempo waqqfu l-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. L-Imħallef W. Gulia kien il-President Onorarju tiegħu.**

**Il-Kumitat ta' dan il-Moviment jixtieq iwassal ix-xewqat it-tajba tiegħu għas-Sena 1998 lill-Membri kollha tal-Moviment u lill-qarrejja kollha ta' dan il-fuljett. Jalla Ġuża tiksbilkom hena u sliem minn Ġesù u Marija.**

# Il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni

F'Ottubru 1997, saret laqgħa il-Girgenti fejn kellna elezzjoni tal-Kumitat għas-snin 1997–2000. Kellhom dritt ikunu Kandidati u jivvutaw dawk biss li kellhom it-tessera, jiġifieri li kienu membri tal-Moviment hawn fuq imsemmi.

Jiddispjaċina li għad hemm ħafna fost dawk li jżuru l-Girgenti jew jiġu għal-laqgħat ta' talb, li ma jafu xejn fuq dan il-Moviment. Għalhekk tajjeb li ngħidu kelmtejn fuq kif beda.

Tlabna lill-Mons. Amante Buontempo biex jgħidilna kif, ma' Ġuża, irnexxielu f'qasir żmien, iwaqqaf moviment li, illum, jgħodd mijiet kbar ta' membri.

Il-Monsinjur għamlilna r-rapport li ġej:

"Jiena, Mons. Amante Buontempo, inħoss li nista' niftaħar li kont jien, qabel kull saċerdot ieħor, li għent lit-twajba u qaddisa Ġuża Mifsud biex waqqfet il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Kont mill-bidunett konvit li kienet ir-Rieda tal-Mulej u x-xewqa tal-Verġni Mqaddsa, li tibqa' bla ma tieqaf il-missjoni afdata lil Ġuża Mifsud. Għal xi żmien qabel ma kkonvinċejt ruħi mis-sinċerità ta' Ġuża u mill-ħtieġa ta' Moviment bħal dan, kelli mal-Fundatriċi diskussjonijiet twal. Flimkien magħha, u fuq suġġeriment umli tiegħi, ittrattajna l-ħtieġa li jitfassal l-ewwel Statut għal dan il-Moviment: ħaġa li jien għamilt bl-akbar attenzjoni, imdawwal kif kont inkun mir-rivelazzjonijiet li Ġuża kienet tgħidli li jkollha mingħand il-Madonna. Jien innifsi ma nafx kif irnexxieli b'għaġġla kważi mirakoluża noħloq, flimkien ma' dil-mara qaddisa, Moviment Marjan, li għandu kull apparenza li se jikber ħafna.

Għalkemm jiena m'għadnix aktar daqshekk żagħżugħ, għadni s'issa ngħin lill-Kumitat ħabrieki ħafna fl-attivitajiet tiegħu ma jaqtgħu qatt, li għadhom u, forsi aktar minn mindu mietet Ġuża, jiġbdu għadd kbir ta' devoti għal-Laqgħat ta' Talb li jsiru darbtejn fix-xahar fil-Girgenti. Imbilli ftit taż-żmien ilu minħabba f'ċertu ħassħażin stramb li kelli kont kostrett inwaqqaf għal ftit id-direzzjoni spiritwali tiegħi lill-Kumitat u lill-Moviment kollu, nħaseb li jingħata l-inkarigu lil saċerdot ieħor, li b'xorti tajba hu ħabib fidil tiegħi, Dun Nazzaren Tonna, li fl-assenza mhux twila tiegħi, kif għadu sal-lum flimkien miegħi, jiżvolġi bil-fedeltà u bil-kuraġġ kollu l-attività tiegħu ta' Direttur Spiritwali.



Nixtieq nistqarr umilment li jiena ma nħossx bl-ebda mod li jien xi wieħed mill-erwieħ qaddisa li jeħtieġ il-Moviment; iżda bl-umiltà kollha, imma mhux mingħajr ftaħir spiritwali, nittama li l-mibkija Ġuża Mifsud, li issa tinsab qrib ħafna tal-Madonna fis-Sema, titlob dejjem għalija, u wisq aktar waqt li nkun qed immut, bħala sostenitur u kollaboratur kwalifikat li kellha għal xi żmien importanti ta' ħajjitha. Jalla l-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Binha Ġesù ta' l-Ewkaristija ibierku lili u lill-ħbieb kollha tal-Moviment, u jagħtu l-maħfra lill-ftit għedewwa, li żgur qed jonqsu ħafna. Sliem u Paċi lil kulħadd."

Mons. Amante Buontempo

13 ta' Novembru 1997

NOTA: F'ħarġa oħra ta' dan il-fuljett nispjegaw aktar fid-dettall kif tissieħeb f'dan il-Moviment, bid-dmirijiet u d-drittijiet li jkollok permezz ta' din is-shubija.

---

# Messaġġ imħejji minn Ġuża Mifsud qabel ma mietet, għax-Xahar ta' Diċembru 1996

Ix-xahar ta' Diċembru li fih twieled il-Mulej Ġesù, il-Messija mħabbar mill-Arkanġlu Gabriel lil Sidtna ommna Marija, huwa xahar kbir ħafna. Huwa x-xhar il-kbir ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem, il-Messija, li ħabbruh il-profeti, ħabbruh dawk in-nies li kienu jaħsbu fuq il-kobor tal-ħniena t'Alla li ħa jibgħat lil Ibnu Ġesù fid-dinja permezz tal-Madonna u ta' l-Ispirtu s-Santu.

Jiena ħa ngħidilkom li dawna l-affarijiet li ġew u li qegħdin jiġu kkuntattjati lili l-ewwel mill-Madonna, u ftit żmien wara minn Ġesù ta' l-Ewkaristija bil-qawwa u l-fidi li qiegħed jagħtini l-Ispirtu s-Santu trid toħodhom bil-qjies, bil-kalma, bl-indafa fil-moħħ, fil-kuxjenza, fl-ilsien. Jiena ma għandix għalfejn noqgħod nibża' meta jiena nħoss li għandi fuqi dawn il-virtujiet l-aktar sbieħ li qed jiġu kkuntattati lili mir-Reġina tas-Sema u mill-kbir Mulej Ġesù.

Meta l-Madonna tat id-dawl tad-dinja lil Mulej Ġesù, Hu deher fid-dinja bl-imħabba u l-paċi. Kollox sar bl-opra kbira tal-Missier Etern. Jiena lill-Missier Etern hekk ngħidlu, "Infaħħrek Mulej għax ma hawnx bħalek." Bħal Missier Etern mhux ħa jkun hawn għax kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.

Rigward ruħna ngħidilkom li għandna dejjem inkunu kuntatti (dejjem) fil-grazzja t'Alla, fil-grazzja tal-Mulej Ġesù, fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Ix-xahar ta' Diċembru huwa xahar ippreparat għalina bl-imħabba u bil-paċi u b'dawk l-affarijiet spiritwali li tana l-Mulej Ġesù fil-kobor tal-Majestà t'Alla u bit-twelid imqaddes tiegħu. Għandna nkunu mimlija bil-valuri spiritwali li ġabitilna din it-tarbija divina li niżlet mis-sema għalina.

Jiena nirringrazzja lill-qawwa divina għal dan id-diskors qawwi u sabiħ li ltqajt miegħu jiena fi żmien il-passat u li qiegħed ikun fi żmien il-preżent. Dawn affarijiet kbar għalija, m'humiex żgħar u ma għandix nistħi ngħidhom. Huwa għajb għalina, imissna nistħu aħna l-Maltin u l-Għawdxin, li dan il-messaġġ hekk kbir u qaddis u ta' mħabba illi tatni l-Madonna u qed jagħtini anka l-kbir Feddej, dak li fdiena u għamlilna postna fis-sema pajjiżna, jiġifieri Ġesù ta' l-Ewkaristija, għadu ma ingħata l-ebda ċans. Imma l-Mulej Ġesù aktar qiegħed jippreparani b'ħafna fidi. Hu jgħidli, "Ara tibża' minn xi ħadd, ara jkollok xi affarijiet f'qalbek li jinkwetawk għax dan kollu seħħ fuqek bil-qawwa tal-Missier Etern, tal-Madonna u tiegħi. Tibżax, agħmel il-kuraġġ u qawwi qalbek f'dawn l-aħħar żminijiet." F'Jannar li ġej jiena ħa nagħlaq erbgħa u sebgħin sena. Ara kemm għamlet miegħi is-sema!

Hawn ħafna bruda fuq ħuti l-Maltin u l-Għaqdxin dwar dan il-messaġġ. Jiena qegħda nirċievi ħafna ittri min-nies ta' barra minn Malta tagħna, Taljani, Awstraljani, Ġermaniżi. Ġew anka xi Ġermaniżi għandi li tawni affarijiet l-aktar kbar. Qaluli li huma nies Kattoliċi, marbutin ma' Alla u wieħed minnhom qalli illi għandu kuntatti kbar mal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija. Qalli, "Jiena naf ħafna affarijiet fuqek min-naħa tas-sema u ġejt Malta biex inkellmek." Għidtlu, "X'jiġifieri qed tgħid hekk inti? Jiena ma nafekx u lanqas inti ma tafni!" Qalli, "Jiena naf l-affarijiet spiritwali li kienu fuqek min-naħa tal-Madonna u issa mal-Madonna hemm it-twajjeb Ġesù ta' l-Ewkaristija għax inti l-Mulej armak b'affarijiet kbar, affarijiet spiritwali tas-sema." Għidtlu, "Imma min-naħa ta' Malta dan il-messaġġ ftit ippreparaw fuqu." Qalli, "Jiena bniedem li studjajt ħafna imma ma għandix x'naqsam



miegħek." Skużawni li għidt din il-kelma li huwa qalli. Kompla jgħidli, "Għidli xi ħaġa biex jiena aktar nersaq bil-qawwa tiegħi kollha, bil-ħsieb u bl-imħabba u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija għaliex jiena nħobbu ħafna lil Ġesù ta' l-Ewkaristija." Għalhekk jiena għidtlu, "Aqbad il-kotba, kotba spiritwali, aqra l-Bibbja, kun aktar ħabib mal-Madonna u għid ir-rużarju bil-lingwa tiegħek." Huwa qalli, "Itlob ħafna għal Malta għax sar għandkom ħafna tibdil fl-affarijiet spiritwali u ma għadkomx bħalma kontu fil-passat b'dak it-twemmin f'Alla. Hawn ħafna setet li ma jabqlux mat-tagħlim tal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija."

Għalhekk, ħbieb ngħidilkom biex ma nibqgħux sejrin b'dawn l-affarijiet koroh, b'din il-bruda. Nerġa' naqa' ftit fuqi u ngħidilkom illi kieku ma kinitx is-sema għalija, rigward il-Madonna u l-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija, kieku min-naħa tal-faqar tiegħi li jiena bla skola, ma kontx nista' nirreferi dan il-kliem kbir u qaddis.

## L-Assemblea Ġenerali

Il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, li wara l-mewt tal-Fundatriċi tiegħu Ġuża Mifsud, qiegħed ikun immexxi mill-Kumitat li, skond l-Istatut tal-Moviment, kellu jiltaqa' kull sentejn biex jagħżel Kumitat ġdid, waqt laqgħa tal-Membri tal-istess Moviment. Imma qabel għandha ssir laqgħa, imsejħa Assemblea Ġenerali, biex jiġu appruvati l-emendi (bidliet) li jkun hemm bżonn isiru fl-Istatut.

Din il-laqgħa saret fil-5 ta' Ottubru 1997, il-Girgenti. Fost l-emendi li ġew appruvati kien hemm dik fejn ġie deċiż li l-Kumitat jinbidel kull tliet snin u mhux kull sentejn; kif ukoll li ma kienx hemm bżonn li t-Tesserati iġeddu t-tessera tagħhom. Instab ukoll li Ottubru kien l-aħjar żmien meta għandha ssir l-Assemblea Ġenerali u l-Elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid.

In-nies preżenti ġew avżati li l-Kumitat il-ġdid se jintagħżel fid-19 ta' Ottubru u li dawk in-nies li għandhom it-tessera ikunu jistgħu jivvutaw. Dawk li xtaqu joħorġu bħala kandidati għall-Kumitat kellhom jiksbu applikazzjoni f'din il-laqgħa stess u wara li jimluha iwassluha għand il-Kumitat għall-approvazzjoni tiegħu u kellhom żmien sat-8 ta' Ottubru biex jagħmlu dan.

*Il-Laqgħa tal-Elezzjoni*

Din il-laqgħa saret, kif imħabbra, fil-5.00p.m., fid-19 ta' Ottubru, 1997, il-Girgenti. Ingħad ir-rużarju u wara, inqraw ir-rapporti tal-attivitajiet li saru fis-sentejn li għaddew. Dawn ir-rapporti ġew moqrija mill-Presidnet il-Perit Philip Azzopardi u s-Segretarja Dr. S. Spiteri. Il-Kaxxier Vince Cassar ta rendikont tal-flus li nġabru u tal-ispejjeż li saru. Kulħadd seta' jinvestiga ir-rapport finanzjarju li sar.

Wara din il-proċedura intagħżel wieħed min-nies preżenti biex imexxi l-votazzjoni. Tqassmu l-karti tal-vot lil min kellu t-tessera u l-Kumitat ġie xolt. Issejħu l-Kandidati wieħed wieħed biex kulħadd ikun jaf min huma.

Meta l-votazzjoni intemmet, il-voti ġew iċċekkjati u magħdudin mis-Sur Bianco u assistent ieħor, flimkien mal-Mons. Buontempo. Is-Sur Bianco qara l-voti wieħed wieħed u dawn ġew imniżżlin fuq blackboard kbir biex kulħadd seta' jara x'qed isir.

Il-Kumitat għas-snin 1997-2000 hu magħmul minn: Mons. A. Buontempo u Dun Nazzaren Tonna, bħala Diretturi Spiritwali; Il-Perit Ph. Azzopardi, Dr. S. Spiteri, Vince Cassar, Albert Azzopardi, Brother Victor Privitera, Gladys Campbell, M. Rose Bonnici, Carmen Garzia, Freddie Micallef u Lorenzo Cassar.

Din il-Laqgħa spiċċat b'talba mid-Diretturi Spiritwali biex il-Kumitat il-ġdid jaħdem kemm jiflaħ biex ixerred dejjem aktar id-devozzjoni u l-imħabba lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Rapport ta' M. Rose Bonnici.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

1. Lola Cassar, mis-Siġġiewi, bagħtet xi flus bħala ringrazzjament tal-grazzja li qalgħet. Hi tgħid li kienet waqgħet waqt purċissjoni tad-Duluri (1997), u ma setgħetx timxi.

Talbet ħafna lill-maħbuba Ġuża Mifsud biex taqlagħlha mingħand il-Madonna tal-Konsagrazzjoni, il-grazzja tal-fejqan. L-uġigħ għaddielha u setgħet timxi bħal qabel il-waqgħa.

Grazzi Madonna!

2. May Schembri min-Naxxar batgħet dan ir-rapport:

"Jiena nixtieq nirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud għaliex kelli rasi tuġagħni; kienet ilha tuġagħni ħafna. Jien f'idejja kelli s-santa ta' Ġuża Mifsud (tal-mewt tagħha) u kif kienet f'idejja flimkien mar-ritratt ta' Madre Tereża, missejthom ma' rasi bid-devozzjoni u talbthom b'ħerqa kbira. L-uġigħ għaddieli u ma ħassejtux aktar minn dakinhar.

Għalhekk nixtieq inxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna u lejn dawk iż-żewġt erwieħ tajba.

3. Mrs. N. X. minn B'Kara, tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u anke lil Ġuża Mifsud għall-grazzja kbira li qalgħet wara li talbithom b'devozzjoni kbira.

26 ta' Settembru 1997.

4. F'intervista li jien għamilt lil Phyllis Formosa, ta' Kerċem, Għawdex, fil-5 ta' Settembru, 1997, din is-sinjura irrakkuntatli kif qalgħet il-grazzja: "It-tifel tiegħi, Anthony, telgħetlu bħal boċċa taħt irkobbtu, u din bdiet tikber u tikber b'mod li beżżgħetna; u kellna mmorru għand il-professur Aquilina, Malti joqgħod Għawdex. Dan qalilna li jekk tkompli tikber, tliet xhur oħra jkollu jagħmillu operazzjoni.

Sadattant, morna għand in-nanna li toqgħod il-Qala u din tatna santa ta' Ġuża Mifsud bit-tama li Ġuża tfejqu.

Meta rġajna lura d-dar sejjaħt lit-tifel, u waqt li għedna talba flimkien għamiltlu s-santa fuq il-boċċa li kienet saret kbira daqs panina. Missier it-tifel kien jaralu rkobbtu kuljum. Wara jumejn il-boċċa kienet tidher nieżla bilmod, sakemm fi ftit żmien niżlet għal kollox.

Sieq it-tifel kienet tant normali li wara li għaddew it-tliet xhur, insejna għal kollox immorru għand il-professur. Sieq it-tifel fieqet malajt mingħajr ebda kura medika jew operazzjoni."

*L-Editur*